MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 306/2012

**A - B**
**f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri Z, illum maghruf bil-kunjom - B skond digriet tat-22 ta' Mejju 2013**

**vs**

**Avukat Dottor Patrick Valentino u PL Victor Bugeja b'digriet tat-13 ta' Marzu 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C B;**
**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku u E R F**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

**A. Dikjarazzjoni tal-fatti**

1. Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat C P B, it-tnejn ta' nazzjonalita' Filippina, gewwa l-Philippines nhar it-3 ta' April 2005, skond kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok A;
2. Illi r-rikorrenti ilha separata de facto, minn ma l-intimat C B, li jghix gewwa l-Philippines, sa minn Novembru 2008 meta hija giet Malta u ilha tghix hawn Malta sal-lum;
3. Illi f'Awissu 2009 ir-rikorrenti bdiet relazzjoni hawn Malta ma l-intimat l-iehor E R F, u minn din ir-relazzjoni ir-rikorrenti welldet tifel fit-22 ta' Mejju 2011, li nghata l-isem ta' Z, li llum ghandu sena u nofs;
4. Illi l-imsemmi minuri Z gie registrat fl-Att tat-Twelid 1985/2011 bhala bin l-intimat C B (kopja originali ta' l-imsemmi Att tat-Twelid, qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. B);
5. Illi b'danakollu, il-minuri Z ma huwiex bin l-intimat C B, izda huwa effettivament il-wild naturali ta' l-intimat E R F li mieghu r-rikorrenti kellha relazzjoni, kemm qabel u fiz-zmien tat-twelid tal-minuri, kif ukoll fil-prezent, u fil-fatt huwa impossibbli illi l-imsemmi minuri jista' jkun il-wild ta' C B anke in vista tal-fatt illi r-rikorrenti u l-imsemmi zewgha ilhom separati de facto sa minn Novembru 2008;
6. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti hadet il-passi necessarji sabiex isiru t-testijiet ta' DNA relattivi, sabiex b'hekk tigi kkonfermata r-relazzjoni ta' paternita' bejn l-intimat missieru naturali E R F, u bejn il-minuri Z maghruf bil-kunjom - B;
7. Illi effettivament mir-Rapport relattiv ghall-imsemmija testijiet, datat 5 ta' Novembru 2012, u redatt minn Dr Marisa Cassar, Laboratory and Techinical Manager fi hdan MLS BioDNA Limited, irrizulta illi l-possibilita li l-intimat E R F jista jkun il-missier naturali tal-minuri Z, hija ta' 99.9999%, u ghalhekk, isegwi illi l-possibilita illi l-intimat C B jista' jkun il-missier biologiku ta' Z maghruf bil-kunjom - B, huwa prattikalment inezistenti (kopja ta' dan ir-Rapport qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. C);
8. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti trid illi l-imsemmi minuri Z, maghruf bil-kunjom - B, ma jibqax maghruf bhala bin l-intimat C B, stante illi kjarament, dan mhux il-kaz, u

tixtieq ghalhekk illi l-imsemmi minuri jigi maghruf bhala bin l-intimat l-iehor E R F, illi huwa bin L S F u Marirose Reye F, imwieled gewwa Tanjay City Negros Oriental fis-6 ta' April 1984;

9. Illi dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarati, huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti;

## B. Raguni ghat-talbiet f'dawn il-proceduri

10. Ghalhekk ir-rikorrenti qeghda taghmel din il-kawza sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-imsemmi Z maghruf bil-kunjom - B, ma huwiex bin l-intimat C B izda l-wild naturali ta' l-intimat l-iehor E R F, u tordna illi ssir il-korrezzjoni necessarja fl-Att tat-Twelid relattiv, stante illi jirrizulta kjarament illi filwaqt illi ma hemm l-ebda relazzjoni ta' paternita' bejn l-intimat C B u l-imsemmija minuri, tezisti r-relazzjoni ta' paternita bejn l-istess minuri u l-intimat l-iehor E R F;

## C. Talbiet attrici

Talbet in vista ta' dak kollu fuq premess li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kull dikjarazzjoni jew provvediment necessarju :

1. Tiddikjara illi l-minuri Z, illum maghruf bil-kunjom - B, ma huwiex bin l-intimat C B;
2. Previa li tistieden jew tordna testijiet xjentifici jekk jidhrilha xieraq, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, tiddikjara illi l-intimat l-iehor E R F huwa l-missier naturali tal-minuri Z, illum maghruf bil-kunjom - B;
3. Tordna illi l-Att tat-Twelid Numru 1985/2011 jigi korrett fis-sens illi jigu mnehhija mill-kolonni rigwardanti "Taghrif Dwar Missier It-Tarbija", isem u kunjom l-intimat C B, l-eta' u l-konnotati ohra dwar fejn l-istess intimat twieled u joqghod, u dwar missier l-istess intimat, b'mod illi t-tarbija Z, maghruf bil-kunjom - B, jigi ddikjarat li huwa bin l-intimat E R F;
4. Tordna wkoll konsegwentement illi fl-istess kolonni rigwardanti "Taghrif Dwar Missier It-Tarbija" jitnisslu d-dettalji u konnotati kollha dwar l-intimat E R F, kif ukoll indikati, bhala missier naturali tal-minuri Z;

5. Tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawk il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet kollha relattivi u necessarji;

Bl-ispejjez kontra l-intimati illi jigu minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Patrick Valentino u PL Victor Bugeja, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirrizervaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Patrick Valentino u PL Victor Bugeja;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha r-rikorrenti A - B ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri Z - B skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 782 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.** Fin-nuqqas illi r-rikorrenti tipproduċi tali awtorizzazzjoni, għandhom jigu nominati kuraturi jew tuturi għall-minuri Z - B minn din l-Onorabbli Qorti skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. Illi qed jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri Z - B, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel Z - B, hija kellha relazzjoni extramaritali ma’ l-intimat E R F, u dan *ai termini* tal-**Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

4. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll tegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa bis-saħħa ta’ l-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta’ stat tal-minuri Z - B ma’ jaqbilx ma’ l-att tat-twelid tiegħu bin-numru ta’ iskrizzjoni 1985 tas-sena 2011;

5. Illi bla ħsara għas-suespost f’każ li tintlaqa’ l-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill-intimat E R F sabiex permezz ta’ nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-età tiegħu meta twieled il-minuri Z - B, (2) il-post tat-twelid tiegħu, (3) il-post ta’ residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (4) isem u kunjom ta’ missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel Z - B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit tifel minuri Z - B bin-numru ta’ registrazzjoni progressiv: 1985 ta’ l-2011;

6. Illi bla ħsara ghal premess, f’każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talba tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet *’<u>the said</u>’* li jinsabu qabel isem ”C B”, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-twelid bin-numru ta’ reġistrazzjoni 1985 tas-sena 2011.

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, f’każ li jintlaqgħhu l-ewwel żewg talbiet tar-rikorrenti, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b’mod definittiv liema kunjom għandhu jassumi l-minuri Z - B a tenur tal-**Artikolu 92 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

8. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’

aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Mejju 2013 li permezz tieghu il-Qorti laqghet it-talba tal-attrici sabiex tigi nominata bhala kuratrici "*ad litem*" ta' binha minuri Z fl-atti kollha ta' din il-kawza.

Il-Qorti rat ukoll in-nota tal-attrici tal-10 ta' Lulju 2013 illi permezz taghha ddikjarat illi l-minuri ser jassumi l-kunjom "- F" jekk it-talbiet attrici jigu milqugha mill-Qorti;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri Z - B *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri li twieled nhar it-22 ta' Mejju 2011[1] twieled fiz-zwieg[2] (ghalkemm hi u l-intimat assenti C B huma separati *de facto*) u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri gie imnizzel bhala l-wild naturali tal-intimat C B, l-istess minuri m'huwiex ibnu naturali izda l-wild naturali tal-intimat l-iheor E R F. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza qieghda titlob lill-qorti sabiex tiddikjara li l-assenti C B m'huwiex il-missier

---

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 6 tal-process
[2] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process

naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati relattivi ghall-intimat l-iehor E R F.

Min-naha tieghu, l-intimat E R F ma ipprezenta ebda risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci f'dawn il-proceduri. Pero', l-istess intimat jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti permezz ta' affidavit[3] fejn jikkonferma li l-minuri Z li twieled fit-22 ta' Mejju 2011 huwa fil-verita' ibnu naturali.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tal-intimat C B imma l-wild ta' E R F u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati fl-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet ippruvata.

Ir-rikorrenti tiddikjara li minkejja li l-minuri twieled fiz-zwieg *stante* li hi u l-intimat C B huma biss separati *de facto*, ilha ma tghix ma' zewgha sa' minn Novembru tas-sena 2008[4] u tiddikjara wkoll li mill-istess zmien 'l quddiem, giet Malta u qatt ma regghet marret lura lejn il-Filippini fejn jghix l-intimat assenti. Tghid li minn dak inhar li telqet mill-Filippini qatt ma regghet rat lil zewgha. Tghid li meta twieled il-minuri, kienet ilha ma tara lil zewgha ghal madwar sena u nofs u li l-istess minuri huwa l-frott tar-relazzjoni taghha mal-intimat l-iehor.

Il-qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[5] ir-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri Z B verament mhux il-wild naturali tal-intimat C B *stante* li permezz tal-istess test xjentifiku, l-intimat l-iehor E F gie kkonfermat li huwa l-missier naturali. It-test xjentifiku huwa

---

[3] Esebit a fol 57 tal-process
[4] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 9 tal-process
[5] Esebit a fol 60 tal-process

l-prova regina dwar il-paternita` u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li anke l-partijiet stess jaqblu li l-istess minuri m'huwiex il-wild naturali tal-intimat C B. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri mhuwiex il-wild naturali tal-intimat E F.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li tirrilata dwar in-nuqqas da parti tal-attrici li tigi mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 782 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attrici resqet rikors datat il-21 ta' Dicembru 2012 fejn specifikament talbet lil din il-qorti li tigi mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri, liema talba giet milqugha permezz ta' digriet datat it-22 ta' Mejju 2013. Dan necessarjament ifisser li l-ewwel eccezzjoni hija survolata.

Dwar il-hames eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li tirrilata dwar in-nota bid-dettalji tal-intimat E F, l-qorti tirrileva li din ukoll giet survolata permezz ta' nota esebita in atti[6] u ghalhekk il-qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess eccezzjoni.

Dwar is-sitt eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li tirrileta dwar il-kunjom li ghandu jassumi l-minuri f'kaz li t-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha, il-qorti taghmel referenza ghan-nota esebita in atti[7] u li permezz taghha r-rikorrenti u l-intimat E F jiddikjaraw li l-kunjom tal-minuri ghandu jkun dak ta' - F.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjonijiet l-ohra imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li kollha jduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe' jekk l-attrici rnexxilhiex taghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, rnexxilhiex tissorpassa u teghleb il-presuzjonijiet legali msemmija minnu stess.

6 Ara a fol 66 tal-process
7 Ara a fol 64 tal-process

Naturalment, tali prova tista' facilment u bl-aktar mod kategoriku tingieb permezz ta' DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi. Il-qorti taghmel referenza ghad-DNA test esebit in atti[8] li juri bhala stat ta' fatt li l-missier naturali tal-minuri Z B huwa proprju E F u mhux C B.

Il-qorti tirrileva wkoll li fic-cirkustanzi, stante li huwa cert anke b'mod xjentifiku li l-intimat C B m'huwiex il-missier tal-imsemmija tarbija, huwa fl-ahjar interessi tal-istess minuri li ghall-anqas ic-certifikat tat-twelid tieghu ma jkunx jindika persuna li huwa missieru meta huwa evidenti li dan mhux missieru.
Illi in vista ta' dak suespost u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri, il-qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jinghelbu l-presunzjonijiet legali tal-ligi sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri hekk kif mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri Z, illum maghruf bil-kunjom - B m'huwiex iben l-intimat C B;

(2) Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-intimat E R F huwa l-missier naturali tal-minuri Z;

(3) Tilqa' t-tielet u r-raba' talbiet u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' Z bin-numru 1985/2011 b'dan illi l-konnotati tal-intimat C B jigu mhassra minn fuq l-istess certifikat u jigu sostitwiti bid-dettalji segwenti bhala d-dettalji tal-missier tal-istess minuri skond kif elenkat hawn taht:

Isem u kujom – E R F
Eta' meta twieldet il-minuri – 27 sena
Post tat-Twelid – Tanjay City, Negros Oriental, The Philippines

[8] Esebit a fol 60 tal-process

Post tar-Residenza fiz-zmien tat-twelid – ‘Stella Maris’, Flat 1, School Street, Msida Malta
Isem missieru – L S F li kien haj fiz-zmien tat-twelid tal-minuri.

(4) Tilqa’ l-hames talba.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------